**Għax int, Sidi, twajjeb u taħfer, kollok tjieba għal kull min isejjaħlek.**
Salm 86, 5

**Min hu Alla bħalek li jneħħi l-ħażen, u jaħfer id-dnub lil fdal wirtu? Hu ma żammx il-korla tiegħu għal dejjem, għax lilu jogħġbu juri ħniena.** Mikea 7, 18

**Indmu, mela, u erġgħu lura minn dnubietkom biex jinħafrulkom.**
Atti tal-Appostli, 3 19

**Kunu twajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu.**
Efesin 4, 32

Jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll.

Kolossin 3, 13

Ħa jħalli triqtu l-midneb, u l-bniedem il-ħażin fehmietu; ħa jerġa' lura għand il-Mulej u jħenn għalih, għand Alla tagħna għax hu jaħfer ħafna.

Iżaija 55, 7

Jien naħfrilhom ħżunithom, u ħtijiethom, aktar ma niftakarhomx

Ġeremija 31, 34

Id-dnub tiegħi jien stqarrejtlek, u l-ħażen tiegħi ma ħbejthulekx. Jien għedt: "Quddiem il-Mulej nistqarr ħtijieti." U int ħfirtli l-ħażen tad-dnub tiegħi.

Salm 32, 5

Alla wriena
l-imħabba tiegħu
meta Kristu miet
għalina, aħna li
konna għadna
midinbin.
Rumani 5, 8

Araw b'liema għożża
ħabbna l-Missier;
nistgħu nissejħu
wlied Alla, u hekk
aħna tassew.
1 Ġwanni 3, 1

Alla hekk ħabb
lid-dinja li ta lil Ibnu
l-waħdieni, biex kull
min jemmen fih ma
jintilifx, iżda jkollu
l-ħajja ta' dejjem.
Ġwanni 3, 16

La tibżax, għax
miegħek jien!
La titħassibx, għax
Alla tiegħek jien!
Jiena nwettqek, jiena
ngħinek
Iżaija 41, 10